1 ta' Lulju, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Renato Ellul et. *versus* Antonio Ellul et.

**Vitalizju — Donazzjoni — "Conversio actus juridici" — Taxxa fuq id-Donazzjonijiet — Art. 7 (1) (a) tal-Kap. 70.**

*Biex tavvera ruħha l-figura tal-"conversio actus juridici" hemm bżonn illi jkun hemm ir-rekwiżiti kollha, interni u esterni, li huma meħtieġa għall-att li għandu jiswa bħala ceuli.*

*Għalhekk, biex il-vitalizju li waqa' għax difettuż minħabba n-nuqqas ta' l-alea, jiswa bħala donazzjoni, hemm bżonn li jkun fih ir-rekwiżiti kollha tad-donazzjoni, fosthom prinċipalment il-kunsens tal-partijiet li jagħmlu donazzjoni u l-kapaċità tad-donanti.*

*Fil-każ, il-kuntratt ta' vitalizju ma setax jikkonverti ruħu f'donazzjoni, għax ma kienx hemm ir-rekwiżiti kollha tad-donazzjoni.*

*L-art. 5 tal-Kap. 70 li jgħid li t-taxxa f'kull trasferiment tiġi meqjusa skond in-natura nfisha u l-effett tat-trasferiment meta jinstab illi l-isem jew il-forma apparenti ta' l-att ma jaqblux ma' dik in-natura u ma' dawk l-effetti, huwa applikabili f'każ ta' simulazzjoni, fejn il-partijiet riedu att differenti minn dak apparenti, u mhux meta jirriżulta li huma riedu l-att apparenti u mhux ieħor ta' natura diversa.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettew illi b'kuntratt riċevut minn Nutar Edward Calleja Schembri fis-7 ta' Settembru 1939, il-konvenut Antonio Ellul assenja lill-atturi l-beni tiegħu menzjonati fl-istess att versu l-kostituzzjoni tar-rend ta vitalizja ta' £4,320 fis-sena; illi fuq ir-

"ruling" tal-Kollettur ta' l-Imposti u tal-Lotto, wara l-kuntratt saret denunzja tieghu minn ghand l-atturi fis-7 ta' Mejju 1940; illi b'kuntratt iehor ricevut minn ghand in-Nutar Angelo Cachia fl-20 ta' Settembru 1940, il-partijiet irrikonoxxew in-nullità ta' l-ewwel kuntratt, sija bhala vitalizju kemm ukoll bhala donazzjoni; illi non ostanti dana l-kuntratt il-konvenut Oscar Sammut nomine qieghed jippretendi bhala imposta fuq donazzjoni s-somma ta' £362. 16. 9 u interessi relativi (dok. A); illi l-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien realment ta' kostituzzjoni ta' rendita vitalizja u mhux ta' donazzjoni, u kien radikalment null minhabba l-mankanza ta' l-alea, kif ukoll, suppost li kellu jigi kunsidrat bhala donazzjoni, minhabba l-inkapacità tal-konvenut Antonio Ellul ghaliex kien ghalaq is-70 sena; illi però din in-nullità ma rrizultatx minn sentenza bejn il-partijiet ghall-finijiet ta' l-art. 5 ta' l-Ordinanza XVIII ta' l-1918, il-lum art. 7 (1) (a) Kapitlu 70, Edizzjoni Riveduta; u talbu li jigi dikjarat illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni tar-rendita vitalizja fuq imsemmi tas-7 ta' Settembru 1939, huwa ghar-ragunijiet fuq imsemmija null radikalment, u (2) li jigi dikjarat ukoll illi dak il-kuntratt mhux imponibili, sija ghaliex kuntratt b'titolu oneruż u sija ghaliex huwa radikalment null; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tieghu tas-7 ta' Frar 1946, fejn iddikjarat illi l-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni ma kienx radikalment null fis-sens ta' l-art. 7 (1) (a) ta' l-Ordinanza XVIII ta' l-1918, Kapitolu 70, iżda kien, ghal dak li jirrigwarda l-eccedenza kostitwenti liberalità, annullabili relativament ghall-konvenut Antonio Ellul; u in kwantu ghat-tieni talba illi, ghal dak li jirrigwarda l-eccedenza kostitwenti liberalità, din baqghet imponibili non ostanti l-vizzju ta' nuqqas ta' awtorizzazzjoni; u ordnat illi l-ispejjeż ikunu minghajr taxxa, hlief dawk tal-konvenut Ellul li ghandhom ibatuhom l-atturi, li ghandhom ukoll ihallsu d-dritt tar-registru; wara li kkunsidrat;

Illi gie rrevokabilment stabbilit bis-sentenza ta' din il-

Qorti tal-15 ta' Jannar 1945, in re "Saumut vs. Ellul" illi l-kuntratt tal-kostituzzjoni tal-vitalizju ma kienx simulat; illi għalkemm dak il-kuntratt ġie rexiss tibqa' l-kwistjoni jekk kienx imponibili għat-taxxa; illi l-partijiet qablu illi kienet *tonqos f'dak il-kuntratt l-alea, għax il-beni assenjati mill-kreditur* tal-vitalizju kienu jiswew wisq aktar mill-vitalizju, speċjalment attiża l-età avanzata tal-kreditur li kien għalaq is-70 sena, peress illi l-partijiet stess fil-kuntratt tar-rexissjoni kienu qalu illi jonqos l-element ta' l-alea; illi l-Gvern irid jintaxxa l-eċċedenza bħala donazzjoni u jammetti li ma kienx *hemm* alea; *illi għalhekk tnejn huma l-indaġini :— (1) illi* għall-eċċedenza hemmx donazzjoni jew sempliċement nullità ta' kuntratt, u (2) illi fil-każ li hemm donazzjoni hijiex nulla in forza tal-liġi tas-suċċessjoni;

Illi fuq l-ewwel pont, is-sentenza ta' din il-Qorti, kif ukoll dik ta' l-ewwel istanza, irritenew illi l-partijiet riedu dak li hemm fil-kuntratt u għall-eċċedenza hemm liberalità; illi allavolja l-kuntratt ma kienx simulat, il-fatt li ma kienx hemm alea ma jġibx in-nullità tal-kuntratt, iżda tibqa' dik il-figura ġuridika li skond id-dritt oġġettiv għaliha jikkonkorru l-elementi kollha tagħha, u dan permezz tal-"conversio actus juridici"; illi f'din il-materja fiskali hemm raġuni oħra, illi skond l-artikolu 5 ta' l-Ordinanza, Kap. 70, it-trasferiment ikun imponibili skond dak li fil-fatt ikun; illi għalhekk, jekk kien hemm eċċedenza li tikkostitwixxi liberalità, dan huwa trasferiment imponibili;

Illi fuq it-tieni pont, skond l-art. 1838 (f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23, min għalaq 70 sena ma jistax jagħmel donazzjoni eċċedent l-£50; illi l-Ewwel Qorti qablet ma' dak li rritenjet dina l-Qorti in re "Debono utrinque" fit-18 ta' Mejju 1923, illi n-nullità tas-settwaġenarju m'hijiex assoluta imma relativa, li ma ġġibx nullità rad kali, ċjoè "di pieno diritto", imma ġġib biss il-jedd tar-rexissjoni, ċjoè l-annullabilità, deduċibili minn dak il-kontraent li għalih ġiet rikjesta l-awtorizzazzjoni; illi dak l-att jista' jiġi konfermat, ħaġa li ma tistax issir jekk l-att huwa null; illi dana ġie konfermat mid-Debates fil-Kunsill tal-Gvern da parti ta' l-Avukat tal-Kuruna;

Illi l-ispejjeż għandhom ikunu moderati;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi dik is-sentenza tiġi revokata u illi t-talbiet ta' l-atturi jkunu milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjonijiet involuti huma:— (1) jekk kienx hemm f'dan il-każ il-"conversio actus juridici"; (2) jekk il-kuntratt in kwistjoni in parti huwiex donazzjoni; (3) u subordinatament, jekk in-nullità ta' l-att hijiex testwali, u għalhekk "di pieno diritto", jew semplici annullabilità;

Fuq l-ewwel pont, hija ħaġa assodata, tant fil-ġurisprudenza kemm fid-dottrina, kif sewwa rriteniet anki l-Ewwel Qorti, illi biex kun hemm din il-figura ġuridika huwa meħtieġ illi jkun hemm ir-rekwiżiti kollha interni u esterni ta' l-att li għandu jiswa bħala reali; għalhekk jekk l-bejgħ ma jistax jiswa, u minħabba dik il-figura tiġi d-donazzjoni, huwa neċessarju illi jiġi pruvat li hemm ir-rekwiżiti kollha rikjesti mill-liġi għad-donazzjoni, diversament ma jkunx possibili li tkun tista' ssir dik l-konversjoni, preċiżament għaliex l-att li wieħed mar għalih ikun difettuż f'xi estrem tassativament rikjest mill-liġi;

Fil-każ in eżami, jekk waqa' l-vitalizju għar-raġuni li dan il-kuntratt kien minnu nnifsu difettuż minħabba n-nuqqas ta' kalea element essenzjali għal dak il-kuntratt, biex ikun hemm il-konversjoni fid-donazzjoni huwa meħtieġ illi jkun hemm l-elementi kollha meħtieġa għad-donazzjoni, fosthom prinċipali huwa l-kunsens tal-partijiet illi bih Antonio Ellul ried jagħti gratwitament il-beni tiegħu liż-żewġt itfal tiegħu subien. Dan huwa kategorikament eskluż mill-kuntratt, kif ġie anki ritenut fis-sentenza ta' dina l-Qorti tal-15 ta' Jannar 1945, in re "Sammut vs. Ellul"; għaliex Antonio Ellul qatt ma ried jagħti permezz ta' donazzjoni liż-żewġt itfal tiegħu l-beni, iżda ried isib mezz illi permezz ta' kuntratt oneruż huma ġurnata ma jkunux jistgħu jiġu mħabbta minn oħthom jew minn żewġha; u tajjeb jew ħażin, Antonio Ellul, debitament konsultat illi l-mod biex jikkawtela t-tfal kien ta' kun-

tratt ta' vitalizju ta' somma qawwija, għamel dak il-kuntratt. Huwa f'moħħu, u għalhekk fl-intenzjoni tiegħu, qatt ma sata', lanqas rempotament ma ried, jakkonsenti illi sejjer jagħmel liberalità ma' dawk it-tfal tiegħu, għaliex kieku kien hekk, dak il-ħsieb kien joqtol addirittura l-fini għalfejn sar dak il-kuntratt. Infatti huwa l-lum assodat permezz ta' dik is-sentenza fuq imsemmija illi huwa ma riedx illi t-tifla tiegħu, jew żewġha, ikunu b'xi mod jistgħu jħabbtu lit-tfal permezz ta' kawżi fil-Qorti wara mewtu; u preċiżament għalhekk għamel dak il-kuntratt, għaliex tajjeb jew ħażin ġie assikurat illi ġurnata dik it-tifla tiegħu ma jkollhiex dritt ħlief għal-leġittima, li tkun faċilment likwidabili permezz ta' dawk is-somom li fihom l-attur jkunu baqgħu lura. Kieku huwa kellu l-intenzjoni tad-donazzjoni, dak l-iskop kien ikun maqtul mill-bidu nett; għaliex, jekk kien hemm donazzjoni, huwa intuwitiv illi t-tifla kien kollha drittijiet għar-rijunjoni tad-donazzjoni, u allura dak kien ikun kontra l-iskop volut u kien jitfa' lill-atturi f'kawża ta' ċerta komplikazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi mbagħad, barra n-nuqqas tal-kunsens, kien hemm element ieħor li għal dik il-figura ġuridika tal-konversjoni huwa niqqes, u dan huwa l-inkapaċità tad-donanti. Infatti, apparti l-kwistjoni jekk dik in-nullità hijiex "di pieno diritto", peress li hija espressament komminata mil-liġi tagħna, mhux bħal kodiċijiet oħra fejn ma hemmx dispożizzjoni simili bħal tagħna, il-kwistjoni hawn qiegħda kollha konfigurata f'dik il-figura tal-"conversio actus juridici". Biex naqgħu fil-kuntratt tad-donazzjoni hemm bżonn li jkun hemm l-elementi kollha, anki estern, ta' dak il-kuntratt li wieħed irid isostni. Issa, jekk il-liġi espressament tgħid illi l-kuntratti ta' donazzjoni magħmula minn inkapaċi huma nulli mingħajr awtorizzazzjoni, jekk jeċċedu l-£50, allura dik il-figura mhijiex possibili; dan huwa każ divers minn dak kieku s-settwaġenarju jagħmel kuntratt ta' donazzjoni li teċċedi l-£50; u allura tiġi dik il-kwistjoni prospettata mill-Ewwel Qorti, u li hija anki f'din is-sentenza miġjuba bħala t-tielet kwistjoni subordinata. Iżda fil-figura tal-"conversio" jkun impossibili illi l-Qorti tista'

twaqqa' kuntratt nell f'iehor, meta f'dan ikun hemm element mankanti, u f'dan il-każ, oltre n-nuqqas tal-kunsens meħtieġ, hemm anki l-inkapaċità tas-settwaġenarju mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Huwa applikabili f'dan il-każ dak li din il-Qorti rriteniet in re "Samraut vs. Carbone" fit-3 ta' Novembru 1941, fejn preċiżament il-kuntratt kien ta' bejgħ, iżda kien qiegħed jgħatti donazzjoni, li però għal din ir-raġuni kienet difettuża;

Tikkunsidra;

Illi l-appellat Dr. Gatt ne. fin-nota tiegħu ssottometta wkoll illi apparti l-każ tal-konversjoni, f'dan il-każ il-Qorti, in bażi għas-sentenza preċedenti tal-15 ta' Jannar 1945, fil-kawża l-oħra, irriteniet illi bil-kuntratt in kwistjoni l-partijiet riedu dak li għamlu; u huma — igħid l-appellat — effettivament għamlu kuntratt in parti oneruż u in parti ta' donazzjoni. Iżda dan mhux eżatt, għaliex, kif intqal iżjed 'il fuq, il-partijiet għamlu kuntratt ta' vitalizju, u dak biss riedu jagħmlu; u Antonio Ellul ma kellu ebda idea li, anki in parti, jagħmel donazzjoni lill-atturi. Veru illi din il-Qorti fil-motivazzjoni rriteniet illi f'dak il-kuntratt kien hemm proporzjon qawwija ta' liberalità, iżda dan sar in relazzjoni man-nuqqas ta' l-alea, u mhux għax irriteniet illi kien hemm dik l-intenzjoni;

Tikkunsidra;

Illi l-art. 5 tal-liġi Kap. 70 igħid illi t-taxxi fuq trasferimenti taxxabili jiġu f'kull każ meqjusa skond ma tkun in-natura nnfisha u l-effetti tat-trasferiment, meta jinsab illi l-isem jew l-forma apparenti tiegħu ma jaqblux ma' dik in-natura jew ma' dawk l-effetti. Dan l-artikolu huwa applikabili għall-każ ta' simulazzjoni, għaliex preċiżament il-partijiet ikunu riedu mhux l-att apparenti, iżda l-att simulat, li jkun il-veru att reali. Iżda dejjem ikun irid jiġi ppruvat illi l-partijiet riedu dak l-att l-iehor, u mhux meta rriżulta li huma ma riedux dak l-att, fil-każ donazzjoni, iżda l-att tal-vitalizju;

Għalhekk l-att tal-"conversio actus juridici" f'dan il-każ ma huwiex possibili; u lanqas ġie pruvat li kien hemm in

parti att ta' liberalità, ossija ta' donazzjoni, da parti ta' Antonio Ellul; u għalhekk ma hemmx għalfejn tiġi investita t-tielet kwistjoni subordinata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-atturi u tiddikjara illi l-kuntratt imsemmi *fiċ-ċitazzjoni tas-7 ta' Settembru 1939 kien null min*ħabba n-nuqqas ta' l-alea u l-"conversio actus juridici" f'dak ta' donazzjoni mhijiex possibili, għar-raġunijiet miġjuba fil-konsiderandi ta' din is-sentenza; u għalhekk dak il-kuntratt ma huwiex impon bili għall-fini tat-taxxa; u f'dan is-sens tilqa' t-talbiet ta' l-atturi;

Tordna illi in vista tal-kwistjonijiet involuti l-ispejjeż ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, u għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell.